MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 2874/2002

**Pater Finance Co Ltd**

**Vs**

**Kevin Gregory**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' sebgha mija u sitta u tletin lira Maltija (Lm736) import ta' tmien kambjali, kollha ta' Lm92 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn April 2002 sa Novembru 2002 rispettivament u mhux imhallsa.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti.

Semgha x-xhieda tal-avukat Dr. Neville Camilleri in rapprezentanza tas-socjeta attrici.

Ra l-kambjali..

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' sebgha mija u sitta u tletin lira Maltija (Lm736), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------